



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2011/0365(COD)

21.6.2012

*****I**

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża (COM(2011)0750 – C7-0441/2011 – 2011/0365(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Marian-Jean Marinescu

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhum minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

WERREJ

Paġna

| | |
|--|----|
| ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW | 5 |
| NOTA SPJEGATTIVA | 26 |

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża

(COM(2011)0750 – C7-0441/2011 – 2011/0365(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0750),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 77(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0441/2011),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0000/2012),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) L-objettiv tal-Unjoni li tiżgura livell għoli ta' sigurtà fi spazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (l-Artikolu 67 (3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni) għandu jinkiseb, inter alia, permezz ta' miżuri komuni dwar il-qsim tal-fruntieri interni minn persuni u kontroll tal-fruntieri fil-fruntieri esterni u l-politika komuni dwar il-viża bħala parti minn sistema

Emenda

(1) L-objettiv tal-Unjoni li tiżgura livell għoli ta' sigurtà fi spazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (l-Artikolu 67 (3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni) għandu jinkiseb, inter alia, permezz ta' miżuri komuni dwar il-qsim tal-fruntieri interni minn persuni u kontroll tal-fruntieri fil-fruntieri esterni u l-politika komuni dwar il-viża bħala parti minn sistema

b'bosta saffi li għandha l-għan li tiffaċilita l-ivvjaġġar leġittimu u l-ittrattar tal-immigrazzjoni illegali.

konverġenti, li tippermetti l-iskambju ta' data, għarfien komplut tas-sitwazzjoni u għandha l-għan li tiffaċilita l-ivvjaġġar leġittimu u l-ittrattar tal-immigrazzjoni illegali.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) L-Unjoni teħtieġ' approċċ' aktar koerenti għall-aspetti interni u esterni tal-ġestjoni tal-migrazzjoni u s-sigurtà interna, u għandha tistabbilixxi korrelazzjoni bejn l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u t-titjib tas-sigurtà tal-fruntiera esterna, u kooperazzjoni u djalogu aħjar ma' pajjiżi terzi għall-indirizzar tal-immigrazzjoni illegali u l-promozzjoni tal-migrazzjoni legali.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13a) Kontroll tal-fruntieri esterni uniformi u ta' kwalità huwa essenzjali għat-tisħiħ taż-Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Il-Kummissjoni għandha għalhekk tipprovdi linji gwida speċifiċi li jiżguraw il-koordinament bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-infrastruttura, it-tagħmir, il-mezzi ta' trasport, is-sistemi tal-IT u jikkontribwixxu għal standards

komuni sodisfaċenti tas-sigurtà.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Barra dan, għandha tappoġġja miżuri fit-territorju bħala parti mill-iżvilupp ta' sistema komuni ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri li ssaħħaħ il-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen.

Emenda

(17) Barra dan, għandha tappoġġja miżuri fit-territorju bħala parti mill-iżvilupp ta' sistema komuni ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri li ssaħħaħ il-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen. ***L-Istati Membri għandhom partikolarment jiddedikaw il-finanzjament meħtieġ għal EUROSUR biex jiżguraw il-funzjonament tajjeb tan- netwerk.***

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

(21a) L-Istati Membri għandhom jevitaw li jfittxu l-interessi nazzjonali tagħhom meta jużaw l-ammont allokati fl-ambitu tal-Istrument għall-programm nazzjonali tagħhom.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. Fi ħdan l-oġġettiv ġenerali stabbilit fl-ewwel paragrafu, l-Istrument għandu jikkontribwixxi - **skont il-prijoritajiet definiti fl-Istrateġġi, programmi valutazzjonijiet tat-theddid u tar-riskju rilevanti tal-UE** - għal dawn l-oġġettivi speċifiċi:

Emenda

2. Fi ħdan l-oġġettiv ġenerali stabbilit fl-ewwel paragrafu, l-Istrument għandu jikkontribwixxi għal dawn l-oġġettivi speċifiċi:

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kisba ta' dan l-oġġettiv għandha titkejjel fuq indikaturi bħal, fost oħrajn, **in-numru** ta' postijiet konsulari mgħammra, sikuri u/jew imtejjba biex jiżguraw l-ipproċessar effiċjenti ta' applikazzjonijiet dwar il-viżi u jipprovdu kwalità ta' servizz għall-applikanti għall-viżi.

Emenda

Il-kisba ta' dan l-oġġettiv għandha titkejjel fuq indikaturi bħal, fost oħrajn, **il-perċentwali** ta' postijiet konsulari mgħammra, sikuri u/jew imtejjba biex jiżguraw l-ipproċessar effiċjenti ta' applikazzjonijiet dwar il-viżi u jipprovdu kwalità ta' servizz għall-applikanti għall-viżi **u l-perċentwali ta' persuni li jdumu f'pajjiż aktar miż-żmien awtorizzat għal kull nazzjonalità.**

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-appoġġ ta' ġestjoni *għall-fruntieri*,

PE489.446v02-00

Emenda

(b) l-appoġġ ta' ġestjoni *tal-fruntieri*

8/28

PR\907132MT.doc

biex jiġi żgurat, minn naħa waħda, livell għoli ta' protezzjoni tal-fruntieri esterni u, min-naħa l-oħra, il-qsim bla xkiel tal-fruntieri esterni skont l-acquis ta' Schengen

integrata tal-UE, il-promozzjoni ta' armonizzazzjoni ulterjuri u l-istandardizzazzjoni biex jiġi żgurat, minn naħa waħda, livell għoli ta' protezzjoni tal-fruntieri esterni u, min-naħa l-oħra, il-qsim bla xkiel tal-fruntieri esterni skont l-acquis ta' Schengen

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel fuq indikaturi bħal, fost oħrajn, *l-iżvilupp ta'* tagħmir *għall-kontroll tal-fruntieri u* l-qbid ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi irregolari fil-fruntieri esterni fil-korrispondenza mar-riskju tat-taqsima rilevanti tal-fruntiera esterna.

Emenda

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel fuq indikaturi bħal, fost oħrajn, *l-għadd ta' punti tal-qsim tal-fruntieri mgħammra b'sistemi tal-IT, infrastruttura tal-komunikazzjoni u* tagħmir *li jappoġġa l-ġestjoni tal-flussi migratorji, l-għadd ta' qbid* ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi irregolari fil-fruntieri esterni fil-korrispondenza mar-riskju tat-taqsima rilevanti tal-fruntiera esterna *u l-għadd ta' attivitajiet ta' traffikar u ta' kuntrabandu identifikati fil-fruntiera esterna.*

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki li jiżguraw *in-nuqqas ta' kwalunkwe kontroll fuq il-persuni, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom, meta jaqsmu l-fruntieri interni,*

Emenda

(a) il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki li jiżguraw *il-monitoraġġ* effiċjenti tal-qsim tal-fruntieri esterni;

it-twettag ta' kontrolli fuq il-persuni u l-monitoraġġ effiċjenti tal-qsim tal-fruntieri esterni;

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika komuni dwar il-viżi u permessi oħra ta' residenza għal permanenza qasira, inkluża l-kooperazzjoni konsulari;

Emenda

(c) il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika komuni dwar il-viżi u permessi oħra ta' residenza għal permanenza qasira, inkluża l-kooperazzjoni konsulari, ***il-promozzjoni ta' Prattiki investigattivi komuni dwar applikazzjonijiet għal viżi, proċeduri amministrattivi uniformi u deċiżjonijiet fil-qasam tal-viżi, u l-iżvilupp ta' ċentri komuni għall-applikazzjoni għal viżi;***

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(da) l-armonizzazzjoni tal-kwalità tas-sistemi tal-ġestjoni tal-fruntieri bejn l-Istati Membri differenti;

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(db) it-tisħiħ tal-għarfien dwar is-sitwazzjoni fil-fruntieri esterni u l-ħila tal-Istati Membri li jirreaġixxu;

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Fi ħdan l-oġġettivi definiti fl-Artikolu 3, u fid-dawl tal-konklużjonijiet maqbula tad-djalogu politiku kif previst fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru .../2012 [Ir-Regolament Orizzontali], l-Istrument għandu jappoġġja azzjonijiet fi jew mill-Istati Membri u b'mod partikolari dan li ġej:

1. Fi ħdan l-oġġettivi definiti fl-Artikolu 3, u fid-dawl tal-konklużjonijiet maqbula tad-djalogu politiku kif previst fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru .../2012 [Ir-Regolament Orizzontali], l-Istrument għandu jappoġġja azzjonijiet fi jew mill-Istati Membri **li jikkontribwixxu għall-kisba ta' livell ta' protezzjoni adegwat fil-fruntieri esterni tagħha** u b'mod partikolari dan li ġej:

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) studji, proġetti **pilota** u azzjonijiet li għandhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji fl-Istati Membri u bejn l-Istati Membri, u l-implimentazzjoni tar-

(e) studji, proġetti u azzjonijiet li għandhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji fl-Istati Membri u bejn l-Istati Membri, **l-interoperabilità u l-armonizzazzjoni tas-**

rakkomandazzjonijiet, l-istandards operattivi u l-aħjar prattiċi li jirriżultaw mill-kooperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri u l-Aġenziji tal-UE.

sistemi tal-ġestjoni tal-fruntieri, u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, l-istandards operattivi u l-aħjar prattiċi li jirriżultaw mill-kooperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri u l-Aġenziji tal-UE.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) proġetti f'pajjiżi terzi bl-għan li jittjiebu s-sistemi ta' sorveljanza biex tkun żgurata l-kooperazzjoni man-network tal-EUROSUR;

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Ir-riżorsi globali għandhom jintużaw kif ġej:

5. Ir-riżorsi globali għandhom jintużaw kif ġej:

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) **EUR 2,000 miljun** għall-programmi nazzjonali tal-Istati Membri;

Emenda

(a) **57 %** għall-programmi nazzjonali tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) **EUR 1,100 miljun** għat-twaqqif ta' sistemi tal-IT ġodda li jappoġġjaw il-ġestjoni tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri esterni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 15(2);

Emenda

(b) **31 %** għat-twaqqif ta' sistemi tal-IT ġodda li jappoġġjaw il-ġestjoni tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri esterni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 15(2);

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) **EUR 150 miljun** għall-Iskema ta' *Transitu* Speċjali;

Emenda

(c) **4 %** għall-Iskema ta' *Tranżitu* Speċjali;

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) **EUR 270 miljun** għall-azzjonijiet tal-Unjoni, l-assistenza ta' emerġenza u l-assistenza teknika fuq inizzjattiva tal-Kummissjoni.

Emenda

(d) **8 %** għall-azzjonijiet tal-Unjoni, l-assistenza ta' emerġenza u l-assistenza teknika fuq inizzjattiva tal-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. **EUR 2,000 miljun** għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri kif ġej:

Emenda

1. **57 % tar-riżorsi globali previsti għall-programmi nazzjonali** għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri kif ġej:

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) **EUR 1,200 miljun, kif indikat fl-Anness I;**

Emenda

(a) **34 % kif ġej:**

(i) ammont bażiku ta' EUR 5 miljun għal kull Stat Membru fil-bidu tal-perjodu finanzjarju; u

(ii) ammont varjabbli għal kull Stat Membru kkalkulat fuq il-bażi tal-medja tal-ammont riċevut skont id-Deċiżjoni 574/2007/KE għas-snin 2011, 2012 u

2013;

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) EUR 450 miljun, ibbażati fuq ir-riżultati tal-mekkaniżmu deskritt fl-Artikolu 7;

Emenda

(b) **13 %**, ibbażati fuq ir-riżultati tal-mekkaniżmu deskritt fl-Artikolu 7;

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) Fil-qafas tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu u għall-perjodu mis-sena baġitarja 2018, **EUR 350 miljun**, il-bqija tal-appropriazzjonijiet disponibbli taħt dan l-Artikolu jew ammont ieħor, kif determinat skont il-paragrafu 2, ibbażati fuq ir-riżultati tal-analiżi tar-riskju u l-mekkaniżmu stabbilit fl-Artikolu 8.

Emenda

(c) Fil-qafas tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu u għall-perjodu mis-sena baġitarja 2018, **10 %**, il-bqija tal-appropriazzjonijiet disponibbli taħt dan l-Artikolu jew ammont ieħor, kif determinat skont il-paragrafu 2, ibbażati fuq ir-riżultati tal-analiżi tar-riskju u l-mekkaniżmu stabbilit fl-Artikolu 8.

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, id-deċiżjoni finanzjarja li timplimenta l-punt (a) ta' paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2).

Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. L-Istati Membri għandhom jiddedikaw il-finanzjament meħtieġ għal EUROSUR biex jiżguraw il-funzjonament tajjeb ta' din is-sistema.

Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Biex tindirizza b'mod xieraq l-oġġettivi taħt dan ir-Regolament fil-każ ta' ċirkostanzi mhux previsti jew ġodda u/jew biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tal-finanzjament disponibbli taħt dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati

2. Biex tindirizza b'mod xieraq l-oġġettivi taħt dan ir-Regolament fil-każ ta' ċirkostanzi mhux previsti jew ġodda u/jew biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tal-finanzjament disponibbli taħt dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati

skont l-Artikolu 17 biex taġġusta l-ammont stabbilit fil-paragrafu 1(c).

skont l-Artikolu 17 biex taġġusta l-ammont stabbilit fil-paragrafu 1(c).

Or. en

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri jistgħu, minbarra l-allokkazzjoni tagħhom ikkalkolata skont il-paragrafu 6(1)(b), jirċievu ammont addizzjonali, sakemm ikun allokat bħala tali fil-programm u għandu jintuża biex jinkisbu azzjonijiet speċifiċi elenkati fl-Anness II.

Emenda

1. L-Istati Membri jistgħu, minbarra l-allokkazzjoni tagħhom ikkalkolata skont il-paragrafu 6(1)(b), jirċievu ammont addizzjonali, sakemm ikun allokat bħala tali fil-programm **nazzjonali** u għandu jintuża biex jinkisbu azzjonijiet speċifiċi elenkati fl-Anness II.

Or. en

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 17 għar-reviżjoni tal-Anness II, **jekk jitqies xieraq**. Fuq il-bażi tal-azzjonijiet speċifiċi ġodda, l-Istati Membri jistgħu jirċievu ammont addizzjonali kif stipulat fil-paragrafu 1, bla ħsara għar-riżorsi disponibbli.

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 17 għar-reviżjoni tal-Anness II. Fuq il-bażi tal-azzjonijiet speċifiċi ġodda, l-Istati Membri jistgħu jirċievu ammont addizzjonali kif stipulat fil-paragrafu 1, bla ħsara għar-riżorsi disponibbli.

Or. en

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sabiex jiġi allokat l-ammont indikat fl-Artikolu 6(1)(c), **sal-1 ta' Ġunju 2017** il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, fuq il-bażi tal-input u f'konsultazzjoni mal-Aġenzija Frontex, rapport li, skont l-analiżi tar-riskju tal-Frontex, għandu jstabbilixxi l-livelli ta' theddid fil-fruntieri esterni għall-perjodu 2017-2020. Il-livelli ta' theddid se jkunu bbażati fuq il-piż fil-ġestjoni tal-fruntieri u fuq it-theddid li *effettwa* s-sigurtà fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri fl-2014-2016 u dawn ser iqisu fost oħrajn it-tendenzi futuri possibbli dwar flussi migratorji u attivitajiet illegali fil-fruntieri esterni filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi probabbli politiċi, ekonomiċi u soċjali fil-pajjiżi terzi kkonċernati, b'mod partikolari fil-pajjiżi ġirien.

Emenda

1. Sabiex jiġi allokat l-ammont indikat fl-Artikolu 6(1)(c), **sal-1 ta' Jannar 2017** il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, fuq il-bażi tal-input u f'konsultazzjoni mal-Aġenzija Frontex, rapport li, skont l-analiżi tar-riskju tal-Frontex, għandu jstabbilixxi l-livelli ta' theddid fil-fruntieri esterni għall-perjodu 2017-2020. Il-livelli ta' theddid se jkunu bbażati fuq il-piż fil-ġestjoni tal-fruntieri u fuq it-theddid li *affettwa* s-sigurtà fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri fl-2014-2016 u dawn ser iqisu fost oħrajn it-tendenzi futuri possibbli dwar flussi migratorji u attivitajiet illegali fil-fruntieri esterni filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi probabbli politiċi, ekonomiċi u soċjali fil-pajjiżi terzi kkonċernati, b'mod partikolari fil-pajjiżi ġirien.

Or. en

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 17 għar-reviżjoni tal-prijoritajiet speċifiċi tal-UE.

Emenda

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-parti tħassret għax l-istess test diġà jeżisti fl-Artikolu 7(2).

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-programm nazzjonali li għandu jiġi ppreparat taħt dan l-Istrument u **dawk li għandhom jiġu ppreparati** taħt ir-Regolament Nru .../2012/UE li jistabbilixxi bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-għlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżi għandhom isiru b'mod konġunt mill-Istati Membri u proposti lill-Kummissjoni bħala programm nazzjonali wieħed għall-Fond u skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru .../2012/UE [ir-Regolament Orizzontali].

Emenda

1. Il-programm nazzjonali li għandu jiġi ppreparat, **abbażi tal-konklużjonijiet tad-djalogu politiku li hemm referenza għalih fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru .../2012 [ir-Regolament Orizzontali]**, taħt dan l-Istrument u **dak li għandu jitħejja** taħt ir-Regolament Nru .../2012/UE li jistabbilixxi bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-għlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżi għandhom isiru b'mod konġunt mill-Istati Membri u proposti lill-Kummissjoni bħala programm nazzjonali wieħed għall-Fond u skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru .../2012/UE [ir-Regolament Orizzontali].

Or. en

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) l-iżvilupp ta' proġetti li jsegwu r-rakkomandazzjoni tal-Aġenziji rilevanti tal-Unjoni bl-għan li jiġi żgurat kontroll tal-fruntieri esterni uniformi u ta' kwalità għolja u għall-istandardizzazzjoni u l-l-interoperabilità tas-sistemi tal-ġestjoni tal-fruntieri bejn l-Istati Membri;

Or. en

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(db) l-appoġġ ta' azzjonijiet, bis-superviżjoni u l-koordinament tal-Aġenzija Frontex, bl-għan li jkunu armonizzati, fil-livell tal-Unjoni, il-kapaċitajiet teknoloġiċi tal-ġestjoni esterna tal-fruntieri.

Or. en

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f) *iż-żieda* tal-kapaċità biex ikunu ffaċċjati l-isfidi li ġejjin inkluż theddid preżenti u futur u l-perssonijiet fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, filwaqt li b'mod partikolari jitqies l-analiżi tar-riskju tal-Frontex.

(f) *il-bini* tal-kapaċità biex ikunu ffaċċjati l-isfidi li ġejjin inkluż theddid preżenti u futur u l-perssonijiet fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, filwaqt li b'mod partikolari jitqies l-analiżi tar-riskju tal-Frontex.

Or. en

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Stat Membru jista' juża sa **50%** tal-ammont allokati taħt dan l-istrument għall-programm nazzjonali tiegħu biex jiffinanzja l-appoġġ operattiv lill-awtoritajiet pubbliċi responsabbli għat-twettiq tal-inkarigi u s-servizzi li jikkostitwixxu servizz pubbliku għall-

1. Stat Membru jista' juża sa **30 %** tal-ammont allokati taħt dan l-istrument għall-programm nazzjonali tiegħu biex jiffinanzja l-appoġġ operattiv lill-awtoritajiet pubbliċi responsabbli għat-twettiq tal-inkarigi u s-servizzi li jikkostitwixxu servizz pubbliku għall-

Unjoni. Dawn jirrelataw ma' wieħed jew aktar mill-objettivi msemija *fl-Artikolu 3(2)* (a), (c) u (d).

Unjoni. Dawn jirrelataw ma' wieħed jew aktar mill-objettivi msemija *fl-Artikolu 3(3)* (a), (b), (c) u (d).

Or. en

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) konformità mal-objettivi tal-programm nazzjonali;

Or. en

Emenda 39

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Ir-riżorsi allokatati lil-Litwanja għal dan l-iskop m'għandhomx jaqbu **EUR 150 miljun** għall-perjodu 2014-2020 u għandhom isiru disponibbli bħala appoġġ operattiv speċifiku addizzjonali għal-Litwanja.

2. Ir-riżorsi allokatati lil-Litwanja għal dan l-iskop m'għandhomx jaqbu **4 % tar-riżorsi globali** għall-perjodu 2014-2020 u għandhom isiru disponibbli bħala appoġġ operattiv speċifiku addizzjonali għal-Litwanja.

Or. en

Emenda 40

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fejn meħtieġ, Stat Membru għandu

Stat Membru għandu jirrevedi l-programm

jirrevedi l-programm nazzjonali tiegħu biex iqis is-sejbiet u rakkomandazzjonijiet.

nazzjonali tiegħu biex iqis is-sejbiet u rakkomandazzjonijiet.

Or. en

Emenda 41

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Fi djalogu mal-Kummissjoni u l-Aġenzija Frontex, ***fejn xieraq***, hu għandu jalloka mill-ġdid ir-riżorsi taħt il-programm tiegħu, inkluż, fejn meħtieġ, daww programmati għall-appoġġ operattiv, u/jew jintroduċi jew jemenda azzjonijiet li għandhom l-għan li jirrimedjaw għan-nuqqasijiet skont is-sejbiet u rakkomandazzjonijiet tar-rapport ta' evalwazzjoni ta' Schengen.

Emenda

Fi djalogu mal-Kummissjoni u l-Aġenzija Frontex, hu għandu jalloka mill-ġdid ir-riżorsi taħt il-programm tiegħu, inkluż, fejn meħtieġ, daww programmati għall-appoġġ operattiv, u/jew jintroduċi jew jemenda azzjonijiet li għandhom l-għan li jirrimedjaw għan-nuqqasijiet skont is-sejbiet u rakkomandazzjonijiet tar-rapport ta' evalwazzjoni ta' Schengen.

Or. en

Emenda 42

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) jippromwovu l-proġetti bl-għan li s-sistemi ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-Istati Membri jkunu standardizzati, armonizzati u interoperabbli;

Or. en

Emenda 43

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. **L-ammont allokat għall-programm** dwar l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT ġodda **li jiġġestixxi l-moviment ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bejn il-fruntieri huwa stabbilit għal EUR 1,100 miljun. Il-programm** għandu jiġi implimentat skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni li tiddefinixxi s-sistemi tal-IT ġodda u l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tagħhom bil-għan, b'mod partikolari, li tittejjeb il-ġestjoni u l-kontroll ta' flussi ta' ivvjaġġar fil-fruntieri esterni billi jissaħħu l-kontrolli filwaqt li jsir aktar mgħaġġel il-qsim tal-fruntieri għal vjaġġaturi regolari.

Emenda

1. **Il-programm** dwar l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT ġodda għandu jiġi implimentat skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni li tiddefinixxi s-sistemi tal-IT ġodda u l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tagħhom bil-għan, b'mod partikolari, li tittejjeb il-ġestjoni u l-kontroll ta' flussi ta' ivvjaġġar fil-fruntieri esterni billi jissaħħu l-kontrolli filwaqt li jsir aktar mgħaġġel il-qsim tal-fruntieri għal vjaġġaturi regolari.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tħassir tal-ewwel sentenza għal raġunijiet ta' inkonsistenza: l-artikoli l-oħra ma jergġhux isemmu l-ammont.

Emenda 44

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-azzjonijiet ewlenin li jridu jitwettqu għandhom ikopru b'mod partikolari, l-iżvilupp u l-ittestjar tal-komponent ċentrali u tal-applikazzjonijiet komuni għall-komponenti nazzjonali tas-sistemi, l-infrastruttura ta' komunikazzjoni bejn komponenti ċentrali u nazzjonali, il-koordinazzjoni sabiex jitqiegħdu f'operazzjoni, u l-ġestjoni tas-sigurtà tas-sistemi.

Emenda

L-azzjonijiet ewlenin li jridu jitwettqu għandhom ikopru b'mod partikolari, l-iżvilupp u l-ittestjar tal-komponent ċentrali u tal-applikazzjonijiet komuni għall-komponenti nazzjonali tas-sistemi, l-infrastruttura ta' komunikazzjoni bejn komponenti ċentrali u nazzjonali, il-koordinazzjoni sabiex jitqiegħdu f'operazzjoni, **il-koordinament u l-interoperabilità mas-sistemi l-oħra tal-IT fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri**, u l-

ġestjoni tas-sigurtà tas-sistemi.

Or. en

Emenda 45

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tadotta, **permezz ta' atti ta' implimentazzjoni**, il-qafas strateġiku u kwalunkwe reviżjoni. **Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 18(2).**

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti **delegati skont l-Artikolu 17** dwar il-qafas strateġiku u kwalunkwe reviżjoni.

Or. en

Emenda 46

Proposta għal regolament Artikolu 22

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 21

Fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jirrevedu dan ir-Regolament sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2020.

Emenda

Artikolu 22

Sat-30 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni għandha tipproponi reviżjoni ta' dan ir-Regolament għall-perjodu finanzjarju l-ġdid.

Or. en

Emenda 47

Proposta għal regolament Anness I

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Anness imħassar

Or. en

Emenda 48

Proposta għal regolament Anness 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Objettiv 1: il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki li jiżguraw ***innuqqas ta' kwalunkwe kontroll fuq il-persuni, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom, meta jaqsmu l-fruntieri interni, it-twettiq ta' kontrolli fuq il-persuni u l-monitoraġġ*** effiċjenti tal-qsim tal-fruntieri esterni

Objettiv 1: il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki li jiżguraw ***il-monitoraġġ*** effiċjenti tal-qsim tal-fruntieri esterni;

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Il-prassi attwali ta' ffixar tal-allokkazzjonijiet annwali li se jirċievu l-Istati Membri għall-perjodu kollu ta' 7 snin fil-bidu tal-QFM tiżgura l-kontinwità u l-prevedibbiltà (programmazzjoni xierqa). Madankollu, dan l-approċċ huwa essenzjalment statiku u ma jinċentivax lill-Istati Membri biex jimplementaw azzjonijiet li jwieġbu għall-prijoritajiet tal-UE u ma jippermettix lill-UE tirrispondi għal sitwazzjonijiet u prijoritajiet li jinbidlu.

Il-mekkaniżmu magħżul għad-distribuzzjoni u l-implimentazzjoni tar-riżorsi fl-ambitu tal-Fond ġejjieni tal-intern għandu jgħaqqad il-ħtieġa ta' kontinwità u stabbiltà mal-ħtieġa għall-flessibilità u l-adattament għall-bidla.

Is-sitwazzjoni attwali fl-ambitu tal-Fond għall-Fruntieri Esterni:

Ir-riżorsi għall-programmi annwali tal-Istati Membri fl-ambitu tal-Fond għall-Fruntieri Esterni bħalissa huma mqasma abbażi ta' 4 kriterji: 1) 30 % għall-fruntieri terrestri esterni (tul u ammont ta' xogħol); 2) 35 % għall-fruntieri marittimi esterni (tul u ammont ta' xogħol); 3) 20 % għall-ajruporti (għadd u ammont ta' xogħol) u 15 % għall-uffiċċji konsolari (għadd u ammont ta' xogħol). Fl-ambitu tal-Fond għall-Fruntieri Esterni, l-Istati Membri mhumiex allokat i ammont minimu.

Proposta ġdida tal-Kummissjoni li tistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għal fruntieri esterni u viżi:

Ġestjoni kondiviża:

EUR **[2 000]** miljun għall-programmi nazzjonali tal-Istati Membri;

EUR **[150]** miljun għall-Iskema ta' Tranżitu Speċjali;

EUR **[1 100]** miljun għat-twaqqif ta' sistemi tal-IT ġodda li jappoġġjaw il-ġestjoni tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri esterni tal-Unjoni;

Ġestjoni ċentralizzata:

EUR **[270]** miljun għall-azzjonijiet tal-Unjoni, assistenza ta' emerġenza u assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.

Il-mekkaniżmu ta' allokkazzjoni għall-programmi nazzjonali proposti mill-Kummissjoni hu kif ġej:

a) Ammont bażiku: EUR **1 200 miljun** huma disponibbli għall-allokkazzjoni għall-Istati Membri u l-Istati Assoċjati bħala ammonti bażiċi. Kull Stat Membru u Stat Assoċjat se jirċievi ammont minimu ta' EUR 5 miljun (29 pajjiż, total ta' EUR 145 miljun) għax kull pajjiż, indipendentement mill-pożizzjoni ġeografika tiegħu, hu mistenni li jkollu mill-inqas spejjeż operattivi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen (sistemi tal-IT, tagħmir bijometriku fl-ajruporti u fil-konsolati skont il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u l-Kodiċi tal-Visa). L-allokkazzjoni tal-bqija tal-portafoll disponibbli (EUR 1 055 miljun) hi msejsa fuq l-allokkazzjonijiet medji 2010-2012 għall-Fond għall-Fruntieri Esterni minħabba li

dan hu l-perjodu li fih il-pajjiżi kollha, inklużi r-Rumanija u l-Bulgarija u l-Istati Assoċjati rċeview l-allokkazzjonijiet.

EUR 150 miljun huma mpoġġija apparti għall-iskema ta' Tranżitu Speċjali li se tiġi implimentata mil-Litwanja.

b) Ammont flessibbli: Fil-bidu tal-qafas finanzjarju multiannwali, ammonti flessibbli ta' EUR **450 miljun** se jitqassam bejn l-Istati membri u l-Istati Assoċjati apparti l-ammont bażiku. L-ammont li se jirċievi kull pajjiż jiddependi mir-rieda tal-pajjiż li jiffinanzja fl-ambitu tal-programm nazzjonali tiegħu, azzjonijiet li jwieġbu għall-prijoritajiet speċifiċi tal-UE, definiti mill-Kummissjoni. Eżempju ta' tali prijorità tal-UE hu t-twaqqif ta' sistemi ta' kooperazzjoni konsolari bejn mill-inqas żewġ Stati Membri.

c) Reviżjoni intermedja: EUR **350 miljun** se jinżammu għall-allokkazzjoni sa mis-sena baġitarja 2018 biex jitqiesu t-tibdiliet importanti fis-sitwazzjoni fl-Istati Membri u l-Istati Assoċjati. Dawn l-allokkazzjonijiet jitqassmu abbażi ta' valutazzjoni tar-riskji li tapplika l-prinċipji stabbiliti mill-Fond għall-Fruntieri Esterni attwali għall-analiżi tar-riskji mill-Aġenzija Frontex. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se tistabbilixxi, abbażi tal-kontribut tal-Aġenzija Frontex u f'konsultazzjoni magħha, rapport li, skont l-analiżi tar-riskji tal-Frontex, se jistabbilixxi l-livelli ta' theddid fil-fruntieri esterni għall-perjodu 2017-2020. L-Istati Membri u l-Istati Assoċjati b'riskji oġġa se jirċievu ammont addizzjonali.

Ir-rapporteur jixtieq jagħmel dawn it-tibdiliet fil-proposta tal-Kummissjoni:

Il-ġestjoni kondiviża mingħajr struttura komuni u ċara biżżejjed, standards għall-interoperabilità, rekwiżiti operattivi, kunċetti ta' operazzjoni, u politika tax-xiri koordinata, tista' twassal għal frammentazzjoni eċċessiva tas-soluzzjoni implimentata. L-Aġenziji Ewropej konċernati jistgħu għaldaqstant ikollhom rwol kbir biex jevitaw li jiġu installati sistemi inkompatibbli fl-Istati Membri differenti.

L-għan tal-Unjoni li tiżgura kontroll tal-fruntieri esterni uniformi u ta' kwalità għandu jinkiseb permezz ta' miżuri komuni, standards tas-sigurtà komuni li jkunu jistgħu jiggerantixxu l-valur miżjud tal-Unjoni, u sistemi konverġenti li jippermettu l-interoperabilità.

Minkejja l-prijorità tal-proposta tal-Kummissjoni li tgħid li l-infiq tal-Unjoni għandu jirrifletti aħjar il-livelli ta' prijorità tal-Unjoni u l-impenji strateġiċi tagħha u għandu jappoġġa l-implimentazzjoni tal-*acquis* tal-Affarijiet Interni tal-Unjoni, ir-rapporteur jinsab imħasseb dwar il-fatt li:

- l-Istati Membri li jsegwu l-interessi nazzjonali tagħhom meta jużaw l-ammont allokat skont dan l-istrument għall-programm nazzjonali tagħhom, u b'mod speċjali għall-finanzjament tal-appoġġ operattiv;
- in-nuqqas ta' koordinament bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-infrastruttura, it-tagħmir, mezzi tat-trasport u sistemi tal-IT li jistgħu iwasslu għal frammentazzjoni u duplikazzjoni tar-riżorsi tal-Istati Membri;

Tħassib ieħor indirizzat mir-rapporteur hu l-impossibilità li jiġi stabbilit f'dan l-istadju ġabra definittiva ta' indikaturi li se jintużaw biex ikelju l-ilħuq tal-oġġettivi ta' dan ir-Regolament

ġejjien. Madankollu, ir-rapporteur jipproponi għadd ta' indikaturi fil-qasam tal-fruntieri u l-viżi, inkluż il-perċentwal ta' persuni li jdumu f'pajjiż aktar miż-żmien awtorizzat, għal kull nazzjonalità, l-għadd ta' punti tal-qsim tal-fruntieri mgħammra b'sistemi tal-IT, infrastruttura tal-komunikazzjoni u tagħmir li jappoġġa l-ġestjoni tal-flussi migratorji, u l-għadd ta' attivitajiet ta' traffikar u kuntrabandu identifikati mal-fruntiera esterna.

Ir-rapporteur iqis li hu importanti li jkun żgurat li l-oġġettivi ta' dan l-Istrument se jikkontribwixxu għall-armonizzazzjoni fil-livell Ewropew tal-kwalità tas-sistemi tal-ġestjoni tal-fruntieri, sabiex jonqsu l-lakuni li jeżistu attwalment f'dan il-qasam bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, l-azzjonijiet eleġibbli skont il-programmi nazzjonali jrid ikollhom l-għan li jilhqqu livell adegwat ta' protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Istat Membru konċernat.

Aspett ieħor sottolinjat mir-rapporteur hu l-importanza tal-potenzjal operattiv tal-Aġenzija Frontex. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw programmi li jsegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-Frontex biex jiżguraw l-istess kwalità ta' kontroll tal-fruntieri esterni fl-Istati Membri kollha.

Barra minn hekk, il-programmi nazzjonali għandhom jiffukaw fuq l-użu tar-riżorsi għall-implimentazzjoni tal-EUROSUR fil-livell nazzjonali u għax-xiri tat-tagħmir li jikkontribwixxi għall-effiċjenza tal-operazzjonijiet konġunti komuni tal-FRONTEx.

Fl-aħħar nett, għall-ANNEX 1 tar-Regolament propost, ir-rapporteur jipproponi li dan l-anness għandu jkun emendat fir-rigward tal-Kroazja. L-ammont bażiku ta' EUR 5 miljun għandu jiġi allokat lil kull Stat Membru fil-bidu tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali (QFM) li ġej, filwaqt li l-ammont flessibbli għal kull Stat Membru għandu jkun ikkalkulat skont il-livell ta' theddid stabbilit għall-kalkolu tal-medja tal-baġit għas-snin 2011, 2012, u 2013 skont id-Deċiżjoni 574/2007/KE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.